FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 15 T'APRIL 2002

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN ELLUL BONICI
VS
ANTHONY MANGION

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Mangion ta' 50 sena, bin Carmelo u Adeodata nee Micallef, imwieled Msida fis-27 ta' Gunju 1945 u li joqghod 12-13, Felix Fort, Cospicua ID No 575345M talli f'dawn il-gzejjer, matul u wara l-1990 b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm20,000 bi hsara ta' Arthur Ellis.
b. Approprja ruhu billi dawwar bi profitti ghalih jew ghal persuna ohra, minn assi tas-socjeta Hanini Ltd, liema assi jammontaw ghal aktar minn Lm20,000 u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' l-assi jew li jsir uzu minnhom specifikat.
c. Wettaq falliment doluz billi ghamel uzu hazin, heba jew, wera xort'ohra xi parti mill-attiv tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tas-26 t'Ottubru 2001 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe mix-xhieda ewlenija ta' Arthur Ellis jirrizulta illi dan xtaq jinvesti f'tip ta' marine business, kien rrisponda ghal riklam, (ara dok AAH1 a fol 458a) u wara xi sitt xhur rceva ittra min certu Nick Bentley minn Malta li infurmah:illi (a fol 25)
"There was a business (a going concern) to buy half or 49% share in a boat that needed repair – he needed my money to repair it, so I wrote back – I said I was interested'.

Illi Nick Bentley tal-Mid Med Estates Liverpool, kien jghix Malta.

Illi ghalhekk Ellis u martu nizlu Malta biex jiddiskutu in-negozju. Kif waslu Malta iltaqghu ma Nick Bentley li hadhom il-Marsa u urihom vapur zghir ta' 90 pied kostruwit minn metall li dak il-mument kien "definetely not sea worthy (fol 27)" u li kellu bzonn "general repairs mostly to the hull underneath". I(ibid). L-imputat kien fuq il-boat meta Ellis u Bentley gew jispezzjonawh l-ewwel darba. L-imputat kien sid il-boat waqt li Bentley kien qed jagixxi bhala agent.

Skond Ellis (fol 29) l-idea tan-negozju kien li l-imputat kien ser juza flus Ellis biex jsewwi il-boat u jgibha sea worthy u imbaghad jibdew business billi jiehdu diversi nies ghal giti.

Ellis xhed illi l-ammont rikjest ghat-tiswijiet kienu 50,000 liri sterlina u skond Ellis din kienet is-somma rikjesta sabiex jidhol f'dan in-negozju b'49% shares. Dawk il-50,000 liri sterlina kellhom jintuzaw sabiex il-boat titlesta. Dan il-ftehim Ellis a fol 34 xhed illi huwa mar ma' Mangion u Bentley ghand l-avukat u dan il-kuntratt gie spjegat lilu u imbaghad redatt fi skrittura.

"So did you read this document before you signed it?"
"No it was explained to me and I tried to understand it but not being very business like I just took their word for it."

Illi fil-fatt Ellis spicca jghix fuq il-boat ma l-imputat. Illi Ellis kien rritorna l-Ingilterra u biegh il-flat tieghu lil bintu u pogga 50,000 liri sterlina fil-Bank. Illi fil-fatt ghamel arrangamenti sabiex l-Bank Esteru jibghat il-fondi fl-akkont tal-Avukat ghal habta ta' Lulju 1990 (Dok AE2) – apparti 2000 liri sterlina ohra li kien gia baghat lil Avukat precedentement.

Ellis jghid illi kemm hu kif wkoll l-imputat hadmu fuq il-boat. Huma kienu jizbghu u jnaddfu.

Ellis xhed illi mill-Lm23,000, Lm7,000 gew msellfa lill-kumpanija sabiex din tixtri bicca art li fuqha kellha tinbena dar ghal Ellis u martu – pero l-ownership tibqa tal-kumpanija (Dok AE3).

Ellis xhed illi huwa u l-imputat kienu jghixu u jahdmu fuq il-boat. Din il-boat kienet taghmel l-ilma u l-imputat kien sewwa temporanjament hafna mill-leaks.

Illi xhed illi sussegwentement huwa kien awtorizza lill-Avukat tieghu sabiex jirrilaxxa Lm7,000 "in settlement of works and material that Mangion actually did on the vessel."(dok AE5).

Illi hawn Ellis jghid li avolja fforma dan id-dokument huwa emmen illi dan kien biex jiffinallizzaw t-trasferiment ta' 49% ishma fil-kumpanija.

Ellis xhed illi huwa in realta kien awtorizza r-rilaxx tal-fondi ghaliex l-imputat qallu illi mingharjhom ma setghux jtellghu l-boat fuq l-art sabiex jsirulha t-tiswijiet fuq il-"hull".

Wara r-rilaxx l-imputat beda jittratteni u beda jaqbad fih ghal kull haga ta' xejn u hu beda jhossu demoralizzat.

Ellis jghid illi l-ispejjez li hallas l-imputat fuq il-boat kienu mijiet u mhux fl-eluf. Illi in fatti a fol 54 Ellis induna illi r-rilaxx tal-fondi kienu ghal materjal u labour gia esegwit meta l-attenzjoni ghal dan gie migbud mill-ufficjal prosekutur.

Illi minhabba li kien demoralizzat u minhabba ili kien ser jigi f'sitwazzjoni li ser jkollu d-dejn mal-imputat, Ellis ddecieda biex jitrasferixxi l-ishma lill-imputat u telaq lejn l-Ingilterra.

Illi 18 il-xahar wara hu u martu gew hawn Malta fuq btala u kitbu lil President ta' Malta li ghadda l-ittra lill-Avukat Generali – u b'hekk bdiet din il-kawza.

Ellis insista illi apparti zebgha u l-israp metal ghal "railings" ma saru ebda spizi ohra – l-anqas dawk ghal labour ghaliex hu u Mangion kienu qed jahdmu fuq il-boat. L-ispiza straordinarja kellha ssir meta il-boat tittella mil-bahar – haga li qatt ma saret.

L-ufficjal prosekutur xhed a fol 114 et seq, kif l-Avukat Generali kien ghaddielu ittra mibghuta lil President ta' Malta mill-konjugi Ellis u li beda l-investigazzjonijiet immedjatament.

Xhed illi kien baghat ghall-imputat u dan rrilaxxa zewg stqarrijiet (Dok KE1 u 2).

Fil-pussess tal-imputat gew misjuba 34 il-cekk fuq akkont ta' Hanini Ltd (Dok KEB3 sa 36) u stima ta' xoghlijiet fuq il-boat Hanini f'ammont ta' Lm22,000 (Dok KEB37).

Illi in oltre fl-istqarriji tieghu, Anthony Mangion xehed illi l-ftehim li sar u li tieghu hemm kopja fil-process kien illi hu johrog il-boat waqt li Ellis kellu johrog Lm22,000 li jirrappresentaw 49% ta' l-ishma tal-kumpanija proprjetarja tal-boat – u cioe' jakkwista 49% ta' din il-boat. (Dok AE fol 11 u 12).

Dan il-ftehim huwa datat 11 ta' Mejju 1990.

Illi sussegwentement fid-19 ta' Lulju 1990 il-partijiet ghamlu ftehim iehor (dok AE3 a fol 18) illi fih l-imputat kien gie misluf minghand Ellis is-somma ta' Lm7,000 u din il-loan kellha tigi "set off" mill-prezz tas-shares fl-ownership tal-kumpanija Hanini Limited. Jigifieri mit-Lm22,000 hallas Lm7,000.

Illi l-imputat kien ivvaluta il-vapur Hanini ghal Lm120,000. Fl-istqarrija tieghu qal illi kien jehtieg illi jiddokkja dan il-vapur u dan setgha jaghmlu biss jew ghand Cassar Enterprises jew ghand Bezzina Ship Yard (ara fol 122).

Illi stima tar-repairs illi kien jehtieglu kienet ta' Lm22,000. Illi in oltre il-flus illi kien hallas Ellis kienu sabiex jigi riparat il-wicc tal-boat u cioe mill-water line il-fuq.

L-imputat stqarr illi kuntrarjament ghal dak illi haseb Ellis il-flus illi hareg hu kienu jkopru tiswijiet illi kienu diga saru. L-imputat fl-istqarrija tieghu qal wkoll illi hu kien sahansitra offra Lm10,000 cash jew li Ellis jiehu il-wicc tal-boat.

Illi sahansitra anke ipprova jbiegh il-boat jew ossia is-shares li kellu Ellis u cioe il-49% ghal prezz ta' 100,000 liri sterlina izda il-bejgh ma avverrax ruhu.

Illi meta ebda mis-shipyards 'il fuq imsemmija ma riedu jintrigaw bit-tiswijiet tal-"hull" tal-boat, l-imputat ma kellux triq iehor ghajr illi jgharraq il-"hull". Illi qabel ma ghamel dan Ellis kien diga ghaddielu il-parti l-kbira tal-ishma tal-kumpanija. Dana il-ghaliex Ellis kien ghamel zmien konsiderevoli hawn Malta jghix fuq il-boat u jiekol a spejjez tal-kumpanija ghax ma kellux fondi.

Gie esebit il-Memorandum and Articles of Association.

Illi mix-xhieda ta' Dr Anthony Farrugia jirrizulta illi l-imputat kien gie ghandu flimkien ma Ingliz sabiex jiffurmaw kumpanija dwar il-boat MV Hanini. Sar dan il-ftehim fis-sens li Mangion ried jifforma kumpanija li fiha ssusegwentement kellu jiehu sehem 49% Arthur Ellis u dana wara li jigu trasferiti somma flus u cioe Lm22,000. Li apparti dana kollu kellhom jsiru diversi tiswijiet fuq din il-boat f'ammonti sostanzjali.

Dr Farrugia xehed illi Ellis mieghu qatt ma ilmenta u li sa fejn hu ir-relazzjoni bejn Mangion u Ellis kienu ottimi. Dr Farrugia xehed illi kien irceva ittra minghand il-mara ta' Ellis li kienet inkwetata dwar il-flus li kien hallas zewgha.

Dr Farrugia xehed illi stante illi il-mara ta' Ellis ma kenitx il-klijenta tieghu ma setax iwegibha direttament imma kellem lil Ellis fuq dak illi qaltlu martu.

Xehd wkoll illi Ellis kien irrispondieh bil-kliem "stupid woman" u qallu illi ma kienx hemm  problemi u li kienu ser jirrangaw.

Joseph Bezzina (fol 163 et seq) xehed illi huwa kien thajjar jixtri il-vapurett hu stess qabel ma' xtrah l-imputat, pero qata' qalbu ghaliex kien

tal-opinjoni illi kienet tirrikjedi wisq xoghol biex tirrangaha. Imbaghad xtrah l-imputat Mangion. Wara dan jaf illi Mangion kien beda jaghmel xi xoghol fuq l-istess boat. Jaf illi li l-imputat kien biddel il-maggor parti tal-qiegh tal-boat waqt illi s-superstructure tal-boat kien sar kollu gdid.

Xehed illi jaf illi l-imputat kellu problemi biex jiddokkja dan il-boat u li ma rnexxielux jaghmel dan u jaf illi l-imputat finalment kien kostrett illi jgharraq dan il-boat il-ghaliex dejjem kienu qed joghlew id-djun fuq l-istess.

Gew ippresentati l-accounts ta' Hanini Limited (fol 169).

Fit-tieni xhieda tieghu Dr Anthony Farrugia xehed (fol 173 et seq) illi huwa kien irceva 2,000 lira sterlina fit-8 ta' Gunju 1990. Kien imbaghad irceva Lm23,299.90 fid-19 ta' Lulju 1990.

Ghar-rigward ta' cekk ta' 2,000 lira sterlina dana ma giex accettat u gie kkancellat. (fol 174).

L-ewwel skrittura tl-11 ta' Mejju 1990 kien il-ftehim originali bejn Mangion u Ellis (Dok AF2). Xehed illi huwa sussegwentement kien irceva awtorizzazzjoni sabiex jirrilaxxa Lm7,000 a favur ta' Anthony Mangion bhala self u li dan kellu jigi pacut meta jsir it-transfer of shares.

Ellis iffirma ghal tali awtorizzazzjoni.

Dok AF3 hija l-iskrittura tal-10 t'Awissu 1990 iffirmata bejn l-imputat u Ellis fejn qabblu illi is-Lm7,000 gja mahruga minn Ellis tigi saldata kontra dak illi kellu jaghti Ellis lil Mangion.

Fl-24 t'Awissu 1990 saret skrittura ohra (Dok AF4 fol 189) fejn Ellis ghadda lill-imputat Mangion "full control of his shares in Hanini Limited and in particular to authorise him to sell my said shares under such conditions as he deals reasonable at the relevant time."

Esebixxa l-ittra li baghtet Barbara Ellis (Dok AF5).

Dr Farrugia xehed illi Ellis u Mangion kienu ghamlu konteggi bejniethom u irrizulta lill-partijiet illi Anthony Mangion kellu jiehu hafna aktar flus milli hareg Ellis.

Gew esebiti dok AF6 u AF7 li huma zewg share transfers

Min-notamenti fil-file tieghu jaf illi sar share transfer fit-23 t'Awissu minn Ellis ghal ghand l-imputat pero ma jafx kienx iffirmat

Dr Farrugia xehed illi "kien sar hafna kalkoli bejn Mangion u Ellis u kien qed jirrizulta li Mangion kien hareg hafna iktar flus minn Arthur Ellis u allura sehem Ellis kien oltre dak li pprogetta l-istess Ellis mill-ispejjez, allura ftehmu li jreggu kollox lura minn dak li fhimt jiena, u ghaldaqstant Ellis halla kollox f'idejn Mangion biex jillikwida mbaghad ihallas lura is-sehem tieghu likwidat minn Mangion.".

Il-Qorti kienet innominat lil Accountant Raphael Aloisio biex jinvestiga statement of Accounts ta' Hanini Limited mac-cekks tal-kumpanija u ricevuti ta' spejjez illi saru jew f'isem il-kumpanija jew f'isem Mangion.

Illi mix-xhieda ta' Aloisio jirrizulta illi l-uniku haga konkreta li seta jsib kienet illi dahlu Lm10,000 u li dawn hargu b'cekk fuq il-kumpanija u Lm8,025 saru pagamenti lil Achille Mizzi.

Illi l-bqija m'hemm ebda "paper tray" u hlief ghal depositu wiehed ta' Lm300 xejn ma dahal fis-savings account ta' Anthony Mangion. (ara xhieda fol 296 sa 299).

Mix-xhieda tan-Nutar Pierre Cassar u mill-kuntratti esebiti bhala dok PC1 sa 3 jirrizulta illi Anthony Mangion xtara minghand Achille Mizzi plots numru 4, 7 u 13 f'Marsascala.

L-imputat Anthony Mangion xehed illi fin-1980 kien xtara  yacht il-"Hanini" li fuqu kien hemm hafna dejn u li fil-fatt kien nefaq xi Lm75,000 u kien biddillu il-qiegh kwazi kollu (fol 375 et seq).

Qabel in-1980 dan il-vaput kien jintuza bhala "ferry boat" minn Malta ghal Ghawdex u kien jaghmel "harbour cruises". Meta spiccawlu il-flus iddecieda illi jbiegh nofs il-vapur sabiex johloq kapital u sab broker Nick Bentley tal-WaterGate Shipping u ghamel advert fi Frar 1990. (dok AHF1)

Illi fi Frar tan-1990 kien iltaqa ma Ellis u ma Bentley u gie miftiehem illi Ellis kellu jhallas extra mill-ftehim orginali ghaliex minn Frar sa Mejju meta effettivament gie Ellis, Mangion kien lahaq ghamel aktar repairs li riedu jithallsu apparti li kien hemm xi Lm3,500 f'"agents fees".  Ellis kellu wkoll ihallas l-ispejjez tal-formazzjoni tal-kumpanija il-ghaliex dawn kienu rikjesti minhabba fih u mhux minhabba l-imputat (ara fol 380).

In-negozju illi l-partijiet kienu ser jaghmlu meta l-boat titranga kienu ser jaghmlu "harbour cruises" u li allura kienet necessarja il-bandiera Maltija b'kumpanija b'major shareholding Malti.

Ellis ta lill-Avukat 2,000 lira sterlini b'cekk esteru waqt illi l-imputat ghadda Lm300 biex issir il-kumpanija.

Nel frattemp l-imputat kellu "a cashflow problem" u saret "loan" li kellha tigi "set off" meta Ellis jiehu s-shares skond il-ftehim.

Fl-10 t'Awissu l-imputat ha il-kumplament tal-flus u cioe Lm19,358 li fihom jinkludu is-Lm7,000 loan. L-imputat min dan l-ammont hallas Lm3,500 lil ship broker Bentley, Lm1,000 company expenses, Lm8,800 ix-xoghol li kien sar min Frar sa Mejju u Lm2,500 xoghol li kien sar minn Mejju sa Awissu u cioe cirka Lm18,000.

Nel frattemp Ellis kellu jsib post fejn joqghod u peress illi l-imputat kien qed jibni Marsascala qallu illi wara li jinbena il-post seta jikri minghandu ghal kera ragonevoli.

Nel frattemp jidher illi bejn Ellis u l-mara tieghu kien hemm xi disgwid u Ellis ma baqax jircievi flus mill-esteru u Mangion issuggerielu illi jitla l-Ingilterra halli jara ir-raguni il-ghaliex.

Meta saru il-konteggi tar-riparazzjonijiet illi saru kien ghad fadal xi Lm10,000 illi kienu ghad iridu jithallsu u minhabba illi Ellis ma kellux aktar flus iddecieda illi jitrasferixxi ix-shares lura lill-imputat.

Mangion xehed illi huwa tah parir illi jzomm ftit shares huwa stess u illi jekk isib il-bejgh ikun jista jaghtih lura xi flus.

L-imputat xehed li sahansitra kien mar biex jipprova jiehu loan minghand il-banek izda inutilment u li kien sahansitra ghamel riklam sabiex jbiegh il-boat ghal Lm100,000

Illi fl-24 t'Awissu Ellis kien ghadda 216 minn 245 ishma lill-imputat.

Illi wara li Ellis telaq l-Ingilterra u san-1991 Ellis qatt ma ikkuntattja lil Mangion. Sussegwentement Ellis kien baghtlu ittra jekk iridx jixtri ritratt tal-vapur u staqsieh jekk kienx bieghhu u Mangion kitiblu li kien ghadu ma bieghx il-vapur. A fol 396 Mangion xehed li ma setax jifhem dak illi gara il-ghaliex bejnu u bejn Ellis kien hemm dejjem relazzjoni tajba u li meta telaq Ellis dan ma telaqx bi glied izda baqghu hbieb u inoltre hu kien telaq biex jara jistax igib il-flus illi kienet zammitlu il-mara tieghu.

Illi hames snin wara dan irceva ittra minghand il-Pulizija li riedu jkellmuh u bdew dawn il-proceduri. Nel frattemp fin-1994 rega pprova jbieghu pero l-vapur kien ddeterjora tant illi hadd ma ried jintriga u

jiddokjah stante illi l-keel kienet saret “beyond repair”. Il-keel huwa il-qofol tal-vapur.

L-imputat xehed dwar il-problemi illi kien hemm biex jkompli jzomm il-boat, il-multi illi kienu ser jakkumulaw kontra tieghu u kif allura kien kostrett jgherreq dan il-vapur f’post illi jsir “under water sight seeing” u ghaldaqstant kien gherreq il-“hull” biss.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq esposta johrog evidenti fattur wiehed principalment u cioe l-ingenwita’ u l-inesperjenza totali ta’ Ellis illi minghajr assistenza ta’ ebda espert jidhol ghal business venture f’ghama assoluta, f’liema venture ma kien jifhem proprju xejn.

Illi ix-xiri ta’ dan il-boat antik sar min Ellis minghajr ma talab il-minimum u cioe illi jsir survey, minghajr ma sar inspection permezz ta’ diver ghall-ispezzjoni tal-“hull”, minghajr ma ra jew talab ghal certifikati ta’ dan il-boat anzi inxtara kif jghid ben tajjeb hu stess meta kien jaf illi dan il-boat ma kienx “sea worthy”.

In oltre Ellis l-anqas ma indenja ruhu jqabbad almenu avukat biex jidher ghalih personali sabiex jivverifika l-iskritturi kollha illi hu dahal ghalihom.

In oltre din il-Qorti ma tistax tifhem kif Ellis illi huwa ta’ nazzjonalita’ ingliza u hu bniedem struwit u bniedem ta’ certu edukazzjoni ma jafx jaqra u jifhem skritturi semplicissimi uhud ta’ ftit linji biss li gew maghmula bil-lingwa ingliza u li ghalihom iffirma tant facilment.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda kollha ta’ dan il-process hi tal-fehma illi dak li gara kien sforz l-inesperjenza totali ta’ Ellis f’ingenji tal-bahar u fil-kwantum ta’ spejjez mehtiega ghal manutenzjoni ta’ vapur zghir antik. Illi l-inesperjenza tieghu tista tigi komparata ma persuna illi

ma tifhem xejn fil-karozzi imma tazzarda tixtri karozza ta' ghoxrin sena minghajr ma tiehu maghha "mechanic" tal-affari tieghu u minghajr ma ticcekkja meta l-ahhar illi kienet "on the road".

Il-prosekuzzjoni ma irnexxielex tipprova illi l-imputat b'xi mod qarraq b'Ellis billi ipprattika xi tip ta' ingann biex igeghlu jikkonsenja flusu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.